KLR 22/VI/2011

Minuti tat-tnejn u għoxrin laqgħa tas-sitt leġisltura ta' dan il-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 16 ta' Marzu 2011 fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

Prezenti: Dr. Samuel Azzopardi, Sindku, Marcell Tabone Vici Sindku, Joe Debrincat, Josef Schembri, Michel Buttigieg u Carmelo Theuma.

Skuzat Dr Michael Portelli

1. Talba
1.1 L-a/ Segretarju Eżekuttiv qal it-talba

2. Minuti
2.1 Wara xi korrezzjonijiet fil-minuti ta' l-aħħar laqgħa, dawn ġew approvati.

3. Riforma fit-tħaddim ta' l-operat tal-Kunsill.
3.1 Is-Sindku talab il-veduti ta' sħabu dwar twaqqif ta' sub-kumitati bli skop li jgħidu izjed fit-tmexxija tal-Kunsill. Kull membru tal-Kunsill għandu jissuġerixxi f'liema kumitat jixtieq jipparteċipa. F'dawn il-Kumitati jistgħu jiġi nominati membri minn barra l-Kunsill.
Il-kumitati huma:

a. Project Development and Infrastructure Committee.
b. Sports Committee
c. Public Relations Committee
d. Akkademja Belt Victoria.

Peress li t-tabib kien assenti, għandha tintbagħtlu e-mail f'dan is-sens. Il-kunsilliera għandhom jgħażlu f'liema kumitat jixtiequ jirrapreżentaw.

4 Refurbishment tal-Ufficcju tal-Kunsill – Migration Plan.
Is-Sindku spiega l-bidliet meħtieġa fl-uffiċċini tal-Kunsill. Dan issuġġerixx li joħorġu l-offerti biex jiġi dekorat l-uffiċċju li ser jinkiseb mis-sular t'isfel fil-Banca Giuratale. Wara li jsiru l-olterazzjonijiet meħtieġa tinżel persuna miż-żewġ skrivani impjegati ma' l-istess Kunsill. Dawn jolternaw skond il-ħtieġa. Din il-kamra ser tkun użata għall-ħlasijiet u bħal reception room. Fis-sular ta' fuq is-Sindku u s-Segretarja jibdlu l-kmamar rispettivi tagħhom. L-iskrivani jkollhom ix-xogħol tagħhom u jkunu jafu ukoll ix-xogħol kollu tal-Kunsill.

5. Triq San Gorg (Michel Buttiġiegġ)

Is-Sur Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni ta' sħabu għal l-istat fqir li fih tinsab parti minn Triq San Gorġ.  Il-madum tal-ġnub inqala' kollu u jinsab ta' perikolu għall-pubbliku.  Hawn l-interpellat ippreżenta quotation għax-xogħol rikjest. Is-Sindku ssuġġerixxa li flok il-madum jeħlu bricks bħal ta' Pazza San Gorġ. Is-Sindku għandu jieħu parir minnn għand il-perit tal-Kunsill.

6. Il-problema tat-traffiku fi Triq Alfons Maria Hili (Joe Debrincat).

Dan ilmenta kemm hi ta' perikolu din it-triq peress li hi dejjem bil-karozzi pparktati tant li inqas titħalla aċċessibilita' biex jidħlu f'darhom jew joħorġu r-residenti.  Dan issugerixx li jsiru sinjali sofor u parking areas fejn hu aċċessibbli. Il-preżenti qablu mas-suġġeriment.

7. Korrispondenza

7.1. Il-Ministru għal Għawdex infurma lill dan il-Kunsill li l-proġett li dan il-Kunsill issottometta taħt l-iskema *'Financial Assistance Schemde for Projects by Local council'* ġġe magħżul għal co-financing. Is-somma mogħtija hija ta' 70,000 euro.  Is-Sindku issuġerixxa  biex ninfurmaw lill perit biex jipprepara l-offerti.  Kien hemm qbil unanimu.

7.2 Il-Managing Director tat-TC TC informa lill kunsill dwar l-għoti ta' lezzjonijiet fil-computer li soltu jigu   mgħallma lit-tfal   matul ix-xhur tas-sajf minnu stess.  Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment

7.3 Is-Sur Dominic Dore barrani li jgħix ġo Għawdex wera x-xewqa li jiffilmja shots mill-veduti Għawdxin flimkien ma l-idwar tar-Rabat u ċ-~itadella.  Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

7.4 Is-Sindku qal li riċentament kellu laqgħa dwar is-sistema l-ġdida tat-traffiku ġo Għawdex.  Il-pjanta suġġerita hija  ferm adattata għal Għawdex. Il-Gvern ser jissusidja dan it-tibdil billi ser jivvota sitt milju euro fis-sena għal Malta u għal Ghawdex.  Is-somma allokata għal Għawdex hija ta' 2 miljuni filwaqt l-introjtu ser ikun jammonta għal madwar 600,000 euro.  It-transport hu ggarantit mill-5.00 ta' filghodu sal ħdax ta' bil-lejl. Huwa maħsub ukoll li jkun hemm transport ukoll fit-toroq tar-Rabat. Immedjatament ser jingħata bidu għal refurmishment tal-bus terminus.  Ser jinħarġu ukoll season stickets għal euro kulljum u għal Ghawdex ser ikun ta' għaxar euro fix-xhar.  Il-buses għall-Imgarr ikunu marbutin mal-ħinijiet tal-vapur.  Miċ-Cirkewwa għall-Universita' ikun hemm żewġ linji.  F'kaz li timtela' waħda toħroġ oħra immedjatament. I|l-buses ser ikunu bl-isem skond ir-rotta.  Il-ħin huwa iggarantit.  It-transport ta' l-iskola m'għandux x'jaqsam ma din is-sistema.  Il-Kunsill issugerixxa li

jsir survey dwar il-possibbilita’ li Triq Sant’Ursula, Triq Mons. Vella u Triq Assunsta jsiru *one way*.

7.5 Waslet e-mail mill-Ministeru għal Għawdex dwar żdingar fil-playing field tar-Rabat. Il-Kunsill jixtieq jinforma lill din il-persuna li l-Kunsill ilu li ssottometta pjanti biex dan il-post jingħata facelift sa minn meta ġie devolut lilu. Apparti dan, hemm ħaddiema li qed jieħdu ħsieb dan il-post. Dwar il-ħġieġ mifrux fil-passaggi mhu xejn ħlief vandalizmu minn nies irresponsabbli.

7.6 Il-perit tal-Kunsill, is-Sur Edward Scerri issottometta l-veduti tiegħu dwar l-offerta ghal kisi bit-tarmac ta’ tliet toroq, Triq Wied is-Seqer, Triq Sagħtar u Triq {anni Vassallo with hot rolled asphalt taħt il- Private Partnership Scheme. Ir-rati huma simili ma rati oħra ta’ toroq li ser jiġu miksija bit-tarmac mill-stess skema.

7.7 Talba għal parking area riservata għal Fexserv Financial Services fi Triq Palma għall użu ta’ l-istess kumpanija. Peress li mhemmx post għal dan il-parking area, fil-post indikat, l-Kunsill mhux tal-fehema li jaċċetta din it-talba.

7.8. Waslet talba biex il-Kunsill jisponsorja wirja ta’ pittura minn artisti Għawdxin. Apparti li l-ligi ma tallokax fondi għal dan il-għan, il-Kunsill hux f’pozizzjoni li jaffordja fondi għal dan l-għan.

7.9 Ittra oħra waslet minn għand Ismael Sultana dwar l-iskomdu ta’ vetturi pparkjati quddiem il-garage tiegħu f’kantuniera ma’ Triq Sannat. Il-Kunsill qabel li jsiru double lines sofor quddiem il-garage.

7.10 Is-Sindku informa lill-sħabu li ġie fformulat kumitat biex jieħu ħsieb jikkomemora il-ħamsin sena mill-ftuħ tal- Kunsill Civiku t’Għawdex li s-seda tiegħu kient il-Banca Giuratale. Il-President ta’ dan il-Kumitat huwa is-Sur Anton Tabone, iben l-ewwel President ta’ dan il-Kunsill Civiku. Hija x-xewqa ta’ dan il-Kumitat li titwaħħal skrizzjoni biex tikkomemora din l-avveniment. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

7.11 Il-musical Director tal-kor Gaulitanus, Colin Attard, talab għal-parteċipazzjoni ta’ dan il-Kunsill għall-festival annwali li ser jittella’ bejn April u Mejju. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

7.12 Waslet ittra oħra mingħand Kelvin Catesby dwar l-istat fqir li fih jinsab is-sqaq fi Triq Sant'Indrija. Il-Kunsill qabel li dan is-sqaq jitranga meta proġetti oħra iktar importanti jitlestew.

7.13. Il-Kunsill ġie mgħarraf li cint li jinsab fil-wied tal-Grixti iġġarraf u hemm perikolu għan-nies.

7.14.1 Il-Kunsill ircieva talba u pjanta għal rampa maġenb il-Knisja ta' San Gorg għal-użu ta' persuni li jużaw is-siġġu tar-roti. Il-Kunsill qed jistenna stima tar-rampa minghħand l-Arċipriet tal-Parroċċa u wara il-Kunsill jieħu l-passi meħtiega.

7.15 Il-President ta' l-Għaqda Dilettanti Gimgħa l-Kbira talab l-għajnuna tal-Kunsill biex ikun jista jittella' d-dramm tal-passjoni fit-toroq tal-Belt Victoria. Il-Kunsill m'aċċettax it-talba minħabba nuqqas ta' fondi.

7.16 Il-JP2 Foundation – event co-ordinator Mrs. Elaine Zammit Haber infurmat lill Kunsill dwar it-tibdil fid-data b'konnessjoni ta' l-ewwel festival tal-korijiet Għawdxin.

7.17 Il-perit tal-Kunsill bagħat jinforma il-Kunsill li r-restawr fuq l-istatwa ta' San Gorġ tal-}agar u l-pedistall tiegħu miexi sodisfacenti.

7.18 Ittra oħra waslet mingħand id-direttur għal-Gvern Lokali fejn dan informa lill Kunsill li ġiet approvata s-somma ta' 3891.50 euro taħt l-iskema attivitajiet sportivi. Din it-tema ġiet diskussa f'artikolu 3 fuq l-istess aġenda taħt 'Sports Committee'

7.19 l-Kunsill ma qabilx fuq talba tar-residenti li parti minn triq li tinsab fil-wied fil-limiti tar-Rabat u tmiss ma Triq Kercem issir one way.

7.20 L-istaff tal-Kunsill wera x-xewqa li titranġa jew tinbidel il-photo copier ezistenti peress li m'għadhiex tilħaq ma' l-esiġenzi tal-Kunsill. Gew provduti tliet kwotazzjonijiet biex tiġi evalwata d-differenza bejn it-tiswija u x-xiri ta' magna ġdida. Il-problema ser tigi diskussa fost l-istaff.

7.21 L-Arcipriet tal-Parrocca ta' San Gorġ talab lill-Kunsill biex tinbena' rampa fil-ġġenb tal-knisja fuq art pubblika ghħall-użu ta' persuni inqas ixxurtjati. Il-Kunsill talbu jagħmel stima ta' dan ix-xogħol għand il-perit tiegħu.

8.0 Mozzjonijiet f'isem il-membri.

i. Akkademja ta' għanijiet u ħsibijiet (is-Sindku)

Is-Sindku beda biex qal r-Rabat kien min dejjem il-fulkru tal-gżira reġjun ta' Għawdex u ċ-ċentru ta' kull tip ta' attivita' soċjali. Bħala protagonista ta' l-istorja ta' din il-gżira u l-katalista tal-attivitjiet kulturali prinċipalment tal-arti u letteratura nibbtet fiha benniena ta' ċivilta' li kkontribwiet bil-kbir lejn din il-Belt u l-poplu tagħha u lejn in-Nazzjon. Hija ukoll Belt mogħnija b'postijiet storiċi u arkitettura mprezzabbli.

Ghalhekk:

Jinħass il-bżonn illi nippreservaw u nikkonservaw, nirriattivaw u nirriġernerw dan il-wirt tal-poplu tagħna u li jinħoloq nukleju ta' ħsieb illi joħloq gwida u għarfien fuq dan il-wirt kif ukoll li jqajjem kuxjenza fost il-kommunita' u jniedi il-bidu ta' dibattitu ta' idejat sabiex filwaqt li nipproteġu dan il-wirt noħolq il-gdid ukoll.

Nitlob:

Li dan il-Kunsill japprova t-twaqqif ta' Akkademja ta' }sieb, Arti u Letteratura li ġġib l-isem: Akkademja Belt Victoria sabiex tilħaq l-għanijet u ħsibijiet premessi fuq.

U dan fl-interess supreme tal-Belt Victoria.

Saret diskussjoni fuq din il-materja,

Intlahaq ftehim unanimu.

Il-laqgħa ġiet aġġornate għal nhar il-Erbgħa, 6 t'April 2010 fil-5.00 ta' wara nofs in-nhar.

Il-laqgħa ntemmet fis-7 ta' filgħaqxija.

Samuel Azzopardi
Sindku

Anton Zammit
a/Segretarju Eżekuttiv